MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru 779/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Sharon Tanti**
**Spettur Daniel Zammit**
**V**

**ORESTE FENECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ORESTE FENECH** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Paul u Carmen nee Cuschieri, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta’ Mejju 1982 u residenti 9, Sqaq il-Karmnu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 278982M gie imressaq quddiemha akkuzat talli :

a. nhar d-disgha w ghoxrin t’Awwissu 2005 fil-Gzira ghal habta tal-hdax u kwart ta’ bil-lejl ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ Tomomi Samaya ta’ tnejn w ghoxrin sena;

b. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil zieni li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-erbatax t'Ottubru 2005 (fol. 151 et seq), l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnejn ta' Settembru 2005 bhala Dok. DZ 1 (fol. 95et seq), l-okkorrenza relattiva bhala Dok. DZ 2 (fol. 99 et seq), u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn ta' Dicembru 2005 (fol 113), sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.
Illi din il-Qorti kif preseduta zammet wkoll access nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2007, fuq is-sit fejn allegatament sehh l-incident in dezamina (fol. 182 et seq). Dan l-access sar fil-preenza tal-imputat u l-ufficcjali prosekutur is-Supretendent Sharon Tanti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2006 (fol. 148).

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sbatax ta' Settembru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta Settembru 2005 xehdet **Tomomi Samaja** (fol. 15). Illi sofortunatament ix-xhieda taghha mhiex cara u meta din il-Qorti talbet lill-partijiet sabiex jirripruducu din ix-xhieda, l-Ufficcjal Prosekutur stqarret li ma kellhiex kopja w id-Direttur tal-Qorti Kriminali nforma lil Qorti li t-*tapes* fejn hemm registrat ix-xhieda taghha illum jinsabu distrutti.

L-allegata vittma Tomomi Samaya stqarret li l-imputat nehhilha l-hwejjeg ta' taħt, neħħa l-qalziet ta' taħt tieghu u zamm il-qalziet ta' fuq f'idejh u zammha b'idejh. Qalet li

wara pogga bil-qeghda fuq bank hdejn l-Marina xi zewg jew tlett metri boghod minnha. Qalet li kienet ghaddejja karozza tal-linja u l-imputat waqaf sabiex jistenna li n-nies jinzlu u hi qamet sabiex tmur d-dar u l-imputat baqa' miexi warajha u beda jistaqsiha xi domandi bhal isimha, kemm kellha eta u fejn kienet toqghod u kemm kienet ser iddum hawn Malta u jekk kienetx wahedha.
Qalet li hi kienet irrispondiet xi ftit mid-domandi li fehmet u waslet hdejn d-dar taghha. Qalet li l-imputat kien qalilha sabiex ma tghid lil hadd dwar dak li kien gara dakinhar lanqas lil *host family* w imbaghad telqu u hi marret tinhasel. Qalet li hi kienet ghadha ma rrealizzatx x'kien gara u marret torqod. Qalet li hi kellha xi demm fuq il-warrani taghha u kienet muġugħa u l-ghada filghodu iltaqghet mal-*host family* pero ma setghetx tghidilha x'kien gralha ghaliex ma kienetx taf ezatt x'kien gralha w ghalhekk marret lejn l-iskola u qalet lil habiba taghha Lorico u din qaltilha sabiex tghid lil tal-iskola w hekk ghamlet.

Qalet li lil imputat ma kienetx tafu qabel u li lanqas ismu ma setghet tiftakar pero dakinhar kienet rat lil imputat meta kienet sejra l-iskola, waqt li kien fil-kumpanija ta' tlett minn nies ohra fuq tal-linja jiccekkja l-biljetti. Qalet li l-iskola kienet tkellmet ma certa Pamela u din kienet qaltilha li dak li gara kien hazin u li kellha tirrapporta lil pulizija. Qalet li wara tkellmet mal-*councellor* tal-iskola u qaltilha x'kien gralha u din wkoll qaltilha sabiex taghmel rapport l-ghassa. Qalet li l-*councellor* ghenitha hafna u fehmet l-emozjonijiet li kellha. Qalet li marret l-ghassa l-ghada li tkellmet mal-*councellor*. Mistoqsija mill-prosekuzzjoni kif uriet lil imputat li ma rieditux jaghmel dak li ghamel maghha, qalet li kienet imbuttatlu jdejh. Qalet li ma ftakritx xi kliem qal l-imputat meta poggilha l-parti tieghu f'halqha.

Qalet li tul dan kollu hi kienet thossha tajba pero emozjonalment kienet distrutta tant li kienet ghadha thossha ma tiflahx sa dak l-hin. Qalet li meta nizlet minn tal-linja fil-bidu, l-imputat kien taha xi ilma x'tixrob u kien staqsiha kif kienet thossha fil-Gappuniz u hi staqsietu kif jaf il-Gappuniz u hu kien irrispondiha li kellu xi hbieb

Gappunizi u kellha x'taqsam mieghu. Qalet li l-imputat kien spicca nehhilha l-qalziet ta' taħt nehha tieghu u zammhom f'idejha. Mistoqsija jekk kienx liebes zarbun, wiegbet li ma kienetx taf. Mistoqsija jekk hasilx saqajh fil-bahar, wiegbet li ma kienetx taf. Mistoqsija jekk taghtux xi *tissue* wiegbet li setgha kien il-kaz. Qalet li l-imputat f'idejh kellu wkoll xi radio. Qalet li l-imputat beda jimbutta lilu nnifsu fuqha u setghet tara r-radio li kien poggut fuq hajt. Qalet li madwarhom kien hemm hamrija mhux konkrit.

Qalet li l-imputat beda jghid li hu persuna helwa. Mistoqsija jekk rieditx li jkollha x'taqsam mieghu sesswalment wiegbet fin-negattiv. Qalet li dak l-lejl li sehh l-incident hi kienet qed tbati minn pressjoni baxxa.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2005 reġgħet xehdet **Tomomi Samaja** (fol. 55) fejn qalet li hi kienet ilha Malta ghal xi ghaxart ijiem u kienet waslet xi jumejn qabel l-incident in kwistjoni. Qalet li ma kienetx l-ewwel darba li wzat karozza tal-linja hawn Malta sabiex tmur fejn riedet. Qalet li d-difiza tghid sew meta tghid li hi kienet taf fejn kellha tinzel minn fuq tal-linja. Mistoqsija jekk staqsietx lix-xufier tal-linja, li riedet tinzel fejn il-Cave Sea fil-Gzira wiegbet fl-affermattiv u hemm nizlet ghaliex gharfet il-post. Qalet li hi toqghod xi zewg minuti boghod mill-Cave Sea u meta nizlet hemm, kienet taf ezattament fejn kienet. Qalet li ghaliha l-landmark kienet il-petrol station mhux l-Cave Sea.

Qalet li meta nizlet minn tal-linja, hassitha ma tiflahx u ghajjiena u mitlufa minn sensiha u l-akkuzat ghenha tinzel u giet f'senisha meta kienet hdejn il-pompa tal-*petrol* miexja lejn l-Marina Gardens. Qalet li peress li kienet qed thossha ma tiflahx, riedet toqghod bil-qeghda u timtedd. Meta d-difiza qalet li l-incident in kwistjoni ma sehhx fejn kienet waqfet imma aktar boghod, u cioe fuq in-naha l-ohra tal-brigde, ix-xhud ikkonfermat dan. Qalet li huma qasmu l-bridge. **Mistoqsija jekk meta kienu qed jaqsmu l-bridge, hi rieditx tmur lura d-dar, hi wiegbet li le ghaliex ma setghtet tghid xejn dak l-hin u ma rrealizzatx dak li kien qed isehh. Mistoqsija jekk kienx**

**hemm karozzi jew nies ghaddejjin dak l-hin, qalet li hi gharfet biss persuna wahda u kienet gibdet l-attenzjoni tal-imputat li kien hemm xi nies ghaddejja dak l-hin. Qalet li dawn ma kienux boghod hafna** pero ma setghetx tghid kienux nisa jew irgiel. Qalet li l-imputat dak l-hin kien qed jitkellem w ghamel referenza ghal xi kumpanija Gappuniza meta kienu sejrin lura. Mistoqsija jekk l-imputat mesahx wiccu bl-ilma bahar, qalet li meta nizlu mill-karozza tal-linja, l-imputat kien taha xi ftit ilma pero ma qablitx mad-difiza li qalet li l-imputat kien hasel wiccu.

Qalet li kien l-imputat li ssuggerixxa li jkollha x'taqsam mieghu minn wara u kien poggiha b'dahra mal-hajt. Mistoqsija minn fejn kien qabadha l-imputat meta poggiha wiccha mal-hajt, qalet li **ma tiftakarx**. Qalet li l-imputat kien ragel b'sahhtu hafna. Mistoqsija jekk kienitx giet ezaminata medikament minn fuq s'isfel mill-espert tal-Qorti Dr. Saliba, wiegbet li t-tabib ezaminaha kollha inkluz l-parti privata taghha.

Qalet li rigward s-sess orali li sehh mal-imputat, kien l-imputat stess li kien sfurzaha biex taghmel dan u kien sfurzaha tinzel fuq bank fejn kien bil-qeghda u dam xi ghaxar minuti sabiex jegakula. Qalet li wara ghamel il-parti privata tieghu f'halqha w egakula u hi ma setghetx tirrezisti aktar. Qalet li wara l-imputat mesah lilu nnifsu b'*tissue*, ghalkemm ma ftakritx jekk kienetx hi li taghtu biex jimsah lilu nnifsu u wara l-imputat akkumpanjha lura d-dar taghha.

Qalet li hi kienet f'posizzjoni li tmur lura d-dar wahedha. Qalet li l-imputat kien qalilha x'jismu. Qalet li hi ghandha tnejn w ghoxrin sena. Mistoqsija jekk kienetx liebsa zarbun jew sandli, wiegbet li **ma tiftakarx**. Mistoqsija jekk l-imputat kienet liebes sandli u li beda jipprova jahsel saqajh fil-bahar, wiegbet li **ma tiftakarx.** Qalet li l-ghada li sehh dan l-incident, hi kienet marret l-iskola u wara marret tiekol ghalkemm **ma ftakritx jekk hargitx filghaxija jew le.** Mistoqsija jekk qabel ma kellha x'taqsam mal-imputat, kellhiex xi relazzjoni ohra ma persuni ohra, wiegbet fl-affermattiv pero qatt ma kellha incident li dam xi siegha

jew siegha w nofs hawn Malta. **Qalet li hi kienet koperta fuq incident simili m'agenzija assikurattrici fil-Gappun. Qalet li kienet ser taghmel claim fuq dan l-incident wkoll**. Qalet li hi kienet qalet lil imputat x'kien jisimha pero wara li kien spicca kollox**, meta taha l-ilma u daret fuqu biex tirringrazzjah.** Qalet li kienet rat lil xi hadd pero ma kienetx taf minn hu. Qalet li qatt ma stenniet atteggjament bhal dak tal-imputat minnu, u li qatt ma bisitu fl-ebda hin ghalkemm kienet irringrazzjatu talli kien taha l-ilma.

Illi nhar s-sitta Settembru 2005 xehdet **il-Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante** (fol. 18) fejn esibit r-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. JSF (fol. 20 et seq). Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-allegata vittma giet ezaminata xi tlett ijiem wara li sehh l-allegat incident w in oltre li sinjali jew marki ta' xi aggressjoni fuq gisimha ma kienx hemm. Mix-xheda mismugha minnha jirrizultalha li kellhom jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-aggressur taghha fuq stupru w offiza kontra l-pudur li saret fil-pubbliku.

F'din ir-relazzjoni l-PL Juliana Scerri Ferrante issemmi l-aggresur tal-vittma bhala Oreste Chircop (fol. 40).

Illi ghalhekk din il-Qori ghamlet referenza ghax-xhieda moghtija mil-allegata vittma quddiemha nhar l-ewwwel (1) ta' Settembru 2005 sabiex tara kif effettivament bdiet din ir-relazzjoni peress illi l-ewwel parti tax-xhieda tal-allegata vittma li hija tat il-Qorti ma tinsabx fil-process.
Tispjega illi dak in-nhar tad-29 ta' Awwissu 2005 hija kieent fuq *bus* pubbliku u kienet qed thossha ma tiflahx. F'xi hin talbet lill-imputat li kien il-kondittur jekk setghetx toqghod bil-qieghda ghaliex kienet stordiet. Innutat li kienet waslet vicin id-dar w ghalhekk ittentat tinzel mill-*bus* izda m'irnexxilhiex. L-imputat ghena tinzel minn fuq il-*bus* u poggiha fuq bank. Wara ftit qalilha li l-bank ma kienx tajjeb u hadha fuq bank iehor poggilha rasha fuq kuxtejh u wara ftit dan qabbadha u beda jbusha b'sahha. Hu kompla jaghmel hekk w hi ppruvat timbuttah 'l hemm izda m'irnexxilhiex. Imbaghad nizzel iz-zip u hareg il-parti privata tieghu u qabdilha jdejha u riedha tmisslu l-organu

tieghu. Qalet li ma rieditx taghmel dan pero gieghla taghmel hekk. Ikkonfermat li kienet imbezza u peress li ma kienitx tiflah ma setghetx tirresistih. Qalet ukoll li waqt li kienu fuq il-bank pogga jdejh taht it-*top* taghha u messilha sidirha u bieshom u anke gidimhomlha. Qalet ukoll li pogga idejh taht il-*jeans* taghha u beda imissilha il-partijiet taghha. Ghal darb'ohra tghid li ma kellhiex pjair bih izda huwa insista maghha.

Imbaghad tghid dak li qalet il-Qorti u li huwa rraportat aktar 'l fuq. Ikkonfermat li l-imputat dahhal l-organi tieghu go fiha darbtejn izda hija kienet niexfa hafna.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2005 xehdet **Noriko Kawanaka** (fol. 59) fejn qalet li hi saret taf x'kien gara lil habiba taghha, Tomomi l-Hadd meta kienu l-iskola u fil-fatt Tomomi dehret ghajjiena. Qalet li Tomomi ma kienetx spjegat fid-dettal x'kien gralha u qaltilha li wara li kienet party hassitha ftit ma tiflahx meta kienet fuq tal-linja u li kien hemm persuna li ghenitha. Qalet li l-allegata vittma kienet qaltilha li kienet sfat vitma ta' xi atti sesswali strambi u li kienet giet mimsusa pero ma spjegatx fid-dettal kienet qaltilha li kienet giet stuprata.

Ix-xhud kompliet tghid li hi qaltilha sabiex taghmel rapport l-iskola u lil pulizija dwar dan. Qalet li hi kienet ghenet lil pulizija fit-traduzzjoni mill-Gappuniz ghal Ingliz. Meta giet murija d-dokumenti A, B and C, ix-xhud qalet li Tomomi kienet kitbet l-istorja taghha fil-lingwa Gappuniza u hi kienet ghamlet traduzzjoni ta' dak miktub mill-allegata vittma. Qalet li kienet l-*councellor* li kienet qalet lil allegata vittma sabiex tnizzel bil-miktub dak li kien gralha fil-lingwa Gappuniza u hi ghamlet traduzzjoni ghal lingwa Ingliza tieghu. Qalet li d-dokumenti A, B and C a huma miktuba minnha fil-lingwa Ingliza u li hi kien ghad kellha l-versjoni Gappuniza f'idejha d-dar. Qalet li hi wkoll assistiet lil espert nominat mill-Qorti fit-traduzzjoni mill-Gappuniz ghal l-lingwa Ingliza. Ikkonfermat li dak li Tomimi qalet fil-lingwa Gappuniza, hi ttraducietu fil-lingwa Ingliza. Qalet li Tomomi kienet qaltilha li kienet thossha ma tiflahx w intilfet minn sensiha waqt li kienet fuq tal-linja. Qalet li Tomomi kienet spjegatilha x'kien gara wara u cioe li meta

nizlet minn tal-linja, l-imputat kien beda jmissha u jaghmel affarijiet ohra maghha. **Qalet li meta ratu t-tieni darba fuq tal-linja li qaltilha x'kien gralha** u kien dakinhar li hi qaltilha sabiex tmur taghmel rapport l-ghassa u hi kienet marret maghha taghmel dan r-rapport.

Mistoqsija jekk l-allegata vittma kellhiex xi habib Gappuniz, wiegbet fl-affermattiv. Qalet li hi kienet prezenti ghal party u li Tomomi kienet qed tixrob inbid ahmar dakinhar tal-incident waqt l-*party* u xorbot tazza wahda. Qalet li hi **ma kienetx taf li habibitha kienet tbati minn xi kundizzjoni anemika jew pressjoni baxxa.**

Illi nhar l-erbatax ta' Settembru 2005 xehdet **Doctor Isabelle Saliba** (fol. 66) fejn qalet li hi kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwerenti sabiex tezamina lil Tomomi Samaha u dan b'digriet tal-Qorti tad-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2005. Spjegat li mill-ezami mediku li ghamlet fuq din il-persuna nhar l-ewwel ta' Settembru 2005, irrizulta li kien hemm *bruising* fuq irkubtejha u hafna qsim fuq il-parti ta' wara fit-toqba tal-patata taghha. Qalet li din kienet akkumpanjata minn habiba taghha wkoll ta' nazzjonalita Gappuniza pero kienet titkellem bl-Ingliz, tant li fil-fatt hi kkomunikat maghha tramite l-habiba taghha stess. Ziedet tghid li din il-Gappuniza qaltilha li hija kellha *welcome dinner* fid-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 u kienet hadet tazza wahda inbid u li fil-hdax ta' bil-lejl, telqet biex taqbad tal-linja minn fuq il-*front* ta' Ta' Sliema sabiex tmur il-Gzira u fuq il-karozza tal-linja, taha hass hazin.

Ix-xhud rrilevat li din t-tfajla fil-fatt kienet operata fil-qalb ukoll u li kienet tbati minn *anemia*. Ix-xhud kompliet tghid li din t-tfajla qaltilha ukoll li waqt li taha hass hazin fuq tal-linja, kien hemm ragel li ghenha u kif wasal il-hin biex tinzel minn fuq tal-linja, dan l-istess ragel ghenha biex tinzel minn fuq tal-linja, u poggew fuq il-*bus shelter*. Qalet li sussegwentement dan r-ragel, akkumpanjaha fil-gnien tal-Gzira fejn beda jimmolestaha sesswalment. Ix-xhud ziedet tghid li din t-tfajla, qaltilha wkoll li dak il-hin hu prova jmissilha sidirha u ġiegħla tmissu wkoll. Spjegat li l-

griehi li hi rriskontrat w iddeskrivit iktar 'l quddiem huma kompatibbli mal-verzjoni tal-istorja li tat din t-tfajla, kif wkoll l-griehi fuq irkubtejha huma kompatibbli mal-istorja li tat din t-tfajla u cioe li wara li l-aggressur taghha kellu x'jaqsam maghha minn quddiem kif ukoll minn wara, ġieghla tinzel fuq irkubtejha biex ikollha *oral sex* mieghu.

Ix-xhud esebiet kopja tar-relazzjoni taghha li kienet esebiet fl-atti ta' l-inkjesta quddiem il-Magistrat Inkwerenti, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. ST a fol. 68 et seq tal-atti.  Ix-xhud ikkonfermat l-kontenut tar-rapport taghha u ziedet tghid li hi ma sabet ebda *scratches* u lanqas *puncture marks*.

Illi nhar l-erbatax ta' Settembru 2005 xehdet **Pamela Allmark** (fol. 74) fejn qalet li hija tahdem bhala *Customs relations manager* fil-Language School fi Triq Tas Sliema, San Giljan.  Qalet li fit-tletin t'Awwissu 2005 kien gie rrapurtat lilha incident li sehh fuq studenta li tigi l-iskola taghhom certa, Tomomi Samaha.  Qalet li r-rapport sar kemm minn Tomomi Samaha kif ukoll minn habiba taghha Noriko Kawanaka pero kienet Tomomi Samaha li kienet il-vittma tal-incident.  Qalet li l-vittma kienet avvicinatha ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar tat-tletin t'Awwissu 2005 u sussegwentement wara li kienet stqarret maghha dak li kien gralha, hi kienet irrakomandatilha li kellha tbiddel il-*host family* taghha u l-ghada giet spustjata.  Ix-xhud kompliet tghid li hi kienet irrakomandatilha wkoll biex taghmel rapport lill-pulizija u qaltilha wkoll sabiex ikollha laqgha mal-*psychotherapist* tal-iskola sabiex tiftah qalbha maghha w infatti l-*psychotherapist* ddecidiet li tmur taghmel rapport l-ghassa.
Qalet li sussegwentement hi kienet akkumpanjatha l-ghassa ta' Ta' Sliema u minn hemmhekk marru l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Vice Squad.  Mistoqsija jekk l-istudenta marritx l-iskola jumejn wara l-incident ix-xhud wiegbet li sa fejn taf hi, le u qalet li tkellmu maghha l-ghada.

Mistoqsija jekk marritx il-lezjoni tal-iskola, ix-xhud wiegbet li ma kienetx tafx.  Qalet li wara dan l-incident, t-tfajla

kienet marret l-iskola w irrakontatilha dak li kien gara. Jekk dahlitx fil-klassi jew le, kompliet tghid x-xhud, hija kwistjoni ohra li ma kienetx taf twiegeb.

Illi nhar l-erbatax ta’ Settembru 2005 xehdet **Emily Pisani** (fol. 76) fejn qalet li hi mpjegata mal-EC School bhala ghalliema u bhala *student councellor*. Spjegat li hi ghandha Honours Degree fil-psikologija and hi wkoll *trainee psychotherapist*. Qalet li fil-wiehed u tletin t’Awwissu 2005, kellha sezzjoni ma tifla ta’ nazzjonalita Gappuniza jisimha Tomomi Samaha. Qalet li maghha kien hemm habiba taghha li ttraduciet dak li kien gralha. Qalet li din s-sezzjoni damet xi hamsin minuta u ghalhekk t-traduzzjoni kienet difficili ghaliha biex tifhem, pero xorta fehmet li xi haga terribbli kienet grat lil din t-tfajla. It-tfajla qalet li wara li telqet mill-iskola, marret tirkeb karozza tal-linja u hemm hassha hazin. Kompliet tghid li fuq il-karozza tal-linja kien hemm xi tlett irgiel li ghenuha. Ix-xhud kompliet tghid li t-tfajla qaltilha dak li kien gralha u talbitha taghmel rapport l-ghassa. Qalet li hi kienet qaltilha sabiex tahsibha sakemm tispicca s-sezzjoni u wara t-tfajla qaltilha li kienet ser taghmel rapport lil pulizija.

Illi nhar t-tnejn ta’ Novembru 2005 xehed **l-Ispettur Daniel Zammit** (fol. 90) fejn qal li nhar l-ewwel ta’ Settembru 2005 ghall-habta tad-disgha ta’ filghodu kien sar rapport l-ghassa ta’ Ta’ Sliema fejn tfajla ta’ nazzjonalita Gappuniza jisimha Tomomi Samaha kienet irrappurtat li fid-disgha w ghoxrin t’Awwwissu 2005, filghaxija hi kienet giet stuprata minn kunduttur w *inspector* fuq karozza tal-linja. Qal li x’hin kellimha hu, staqsiha kif grat l-istorja, u dan fil-presenza ta’ habiba taghha li kienet qed taghmilha ta’ interpretu ghax bl-Ingliz ftit kienet tifhem, u din qalet li fid-disgha w ghoxrin t’Awwissu kienet qeghed *party* ta’ l-iskola taghha tal-Ingliz gewwa Paceville u qabdet il-karozza tal-linja tal-hdax ta’ bil-lejl minn Paceville biex tmur fir-residenza taghha fejn kienet qed toqghod mal-*host family* gewwa l-Gzira.

Ix-xhud kompla jghid li din t-tfalja qalet li hi kienet tbati minn kundizzjoni medika u cioe l-*anemia* u ma tantx kienet qed thossha f’sahhitha u f’hin minnhom waqt li

kienet fuq il-karozza tal-linja, kienet qed thossha ma tiflahx u imteddet u raqdet fuq is-*seat*. Ix-xhud kompla jghid li din t-tfajla qalet wkoll li hin minnhom mar fuqha wiehed kunduttur tal-linja fejn dan kien staqsieha jekk kienx kollox sew, hi staqsietu jekk tistax torqod u hu qalilha iva u qaltlu wkoll li xtaqet tieqaf il-Gzira. It-tfajla qalet li dan il-kunduttur staqsieha fejn riedet tieqaf il-Gzira u hi reġghet qaltlu l-Gzira u x’hin waslu hdejn il-KFC, dan il-kunduttur qal lix-xufier tal-linja biex iwaqqaf hemmhekk halli tkun tista tinzel din it-tfajla. It-tfajla qalet li x-xhud li fil-fatt x’hin qamet minn fuq il-bank, hija waqghet peress li kienet ghadha thossha sturduta u dan il-kunduttur gabarha u ghenha tinzel minn fuq tal-linja u x’hin nizzilha minn fuq tal-linja regghet qisha kienet ser taqa u poggiet bil-qeghda fuq il-bank tal-*bus stop*. It-tfajla qaltlu wkoll li x’hin kienu fuq il-bank, dan l-kunduttur kellu flixkun tal-ilma u xarrbilha xi ftit wiccha bih u sussegwentement beda jghannaqha u qalilha biex ibiddlu l-post u marru bil-qeghda in-naha fejn hemm il-gnien u poggew bil-qeghda fuq bank fil-gnien u hemmhekk dan il-kunduttur beda jbusha u jmissha u hi bdiet tiddejjaq. Qaltlu wkoll lix-xhud li hin minnhom l-kunduttur anke fetah il-qalziet tieghu u baxxielha rasha mal-parti tieghu.

Ix-xhud kompla jghid li din t-tfajla qaltlu wkoll li xi hin rat xi nies ghaddejin u gibdet l-attenzjoni tal-kunduttur li kien hemm n-nies, biex forsi jiddejjaq u jhallieha, izda x’hin ra hekk huwa dar ftit u baxxieha izjed. Qaltlu wkoll li dan l-kunduttur qalilha biex minn hemmhekk imorru post iehor izjed ‘l gewwa fil-gnien, fejn hemm il-latrina ma *fence* li hemm bicca minnu bil-konkos u bicca minn bil-*fencing* u hemmhekk poggielha wiccha mal-hajt, nezzalha l-qalziet u neza’ l-qalziet tieghu u beda jipprova jippenetraha minn wara.

Spjegatlu li kien irnexxielu jippenetraha, ghalkemm hija ma rieditx bdiet tipprova fl-istat ta’ sahha li kienet, peress li kienet tbati bl-*anemia*, ma kinitx b’sahhitha bizzejjed li tirrifjutah. Qaltlu li peress li bdiet ticcaqlaqlu, ma setghax w allura qabbad il-parti tieghu ma halqha u x’hin lesta, ejakula u laqatha f’wiccha. Ix-xhud qal li meta kienet spjegatilhom t-tfajla li kienu marru fejn il-latrina, kienet

qalet li qabel l-imputat kien qabadha **minn qaddha minn la genbha u speci, mhux refaghha, imma ghenha ghax ma tantx felhet timxi sewwa.**

Ix-xhud qal li wara li sar jaf dan kollu, informa lill-allura Spettur Sharon Tanti fejn din talbitu jiehu lill-allegata vittma d-Depot u bdiet l-investigazzjoni biex jaraw min kien dan l-allegat aggressur. Qal li ccekkja ma l-ADT u l-ATP, l-Assoccjazzjoni tat-Trasport Pubbliku biex jara min kien hemm kunduttur fuq tal-linja dik id-data minn Paceville ghal Ta' Sliema u ghall-ewwel irrizulta li l-kunduttur kien certu Mahmoud Ali Aslam detentur tal-karta tal-identita numru 89198M pero meta dan gie mitkellem qal li dak il-hin ta' l-incident kien qabad l-ahhar karozza tal-linja minn Paceville ghall-Belt u fuq il-karozza tal-linja mieghu kien hemm certu kunduttur iehor Oreste Fenech.

Qal li mid-deskrizzjoni li kienet tathom l-allegata vittma, din kienet iktar tixbah id-deskrizzjoni tal-imputat Oreste Fenech. Qal li Mahmoud Ali Aslam kien stqarr maghhom li hu kien nizel minn fuq tal-linja hdejn l-Snoopy's Bar u halla lil Oreste Fenech fuq tal-linja. Ix-xhud kompla jghid li hu kien baghat Surgent u pulizija mill-ghassa ta' Tas Sliema, li nzertaw jafu min hu dan Oreste Fenech, peress li joqghod Tas Sliema u kien talabhom biex imorru jgibuh id-Depot halli jkunu jistghu jkomplu bl-investigazzjoni taghhom. Qal li fil-fatt meta waslu d-Depot, u gie mitkellem, u dan Oreste Fenech l-imputat li hu jahdem bhala *chief instructor* mal-PTA.

Qal li meta staqsih x'kien xoghol it-Tnejn disgha w ghoxrin t'Awwissu, l-imputat kien qallu li li kien hadem zewg *shifts* wiehed mis-sitta ta' filghodu sas-saghtejn ta' wara nofsinhar u l-iehor mill-hamsa ta' wara nofsinhar sal-hdax ta' bil-lejl. Qallu wkoll li kien fuq l-ahhar vjagg minn Paceville li telaq fil-hdax ta' bil-lejl u li kien hemm madwar ħmistax il-persuna fuq il-karozza tal-linja. Ix-xhud qal li meta staqsih x'gara waqt il-vjagg, l-imputat kien ikkonferma dak l-incident ma din it-tfajla Gappuniza fejn qal li hin minnhom raha rieqda fuq il-bank u mar jistaqsieha jekk hux kollox sew u hi staqsietu jekk tistax torqod u qalilha iva. L-imputat qallu wkoll li kien

staqsieha fejn riedet tieqaf u hi qaltlu li riedet tieqaf l-Gzira u li waqqafha fejn il-KFC. Ix-xhud qal li l-imputat kien ikkonferma li kien ghenha tinzel minn fuq tal-linja peress li bdiet thossha ma tiflahx u li xarrbilha wiccha x'hin nizlet minn fuq tal-linja u li poggieha bil-qeghda fuq il-bank ta' l-*istage* u li hemm hekk tbewsu wahda hafifa u telaq lil hemm. Qal li x'hin staqsieh jekk hux dak kollu li qal kienet l-istorja, l-imputat kien irrispondih li iva. Qal li pero ftit ftit qalilhom u iktar ma beda jghaddi l-hin, beda jzid bicca bicca. Qal li l-ewwel qal li ghannaqha mieghu u biesha, imbghad qal li marru fuq il-bank fejn hemm il-gnien, imbaghad qal li ghamlu u bdew imissu lil xulxin intimament u anke bdew jaghmlu *oral sex* flimkien u li hi riedet tkompli mieghu. Ix-xhud zied jghid li x'hin komplew jistaqsuh x'kien gara dan kien qal li s'hemmhekk gara biss. Qal li komplew jistaqsuh iktar u bdew jinfurmawh li kienu jafu certu affarijiet u sussegwentement l-imputat kien qal li kienu wara kienu marru fejn il-latrina.

Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qal li marru fejn il-latrina mal-*fence* u hemm komplew imissu lil xulxin u meta gie mistoqsi x'gara izjed, l-imputat kien qal li s'hemmhekk waslu. Qal li meta l-imputat gie mistoqsi jkompli jghid x'kien gara, dan kien qal li hu kien nezzalha l-qalziet w anke neza l-qalziet tieghu u li komplew jaqbdu l-partijiet ta' xulxin u li s'hemmhekk waslu. Ix-xhud kompla jghid li wara li baqghu jinsistu mieghu biex jghid aktar x'kien gara sussegwentement, l-imputat baqa dejjem izid bicca ohra sakemm fl-ahhar qal li kien ppenetraha xi ftit. Qal li l-imputat kien qal wkoll li ma kienx qed jiffunzjona sewwa huwa, u li hin minnhom semaghha tghidlu tokrob, ghax bdiet twegga' u hu beda jhossha dejqa. Qal li fil-fatt hu spjegalna li hi kienet imxarrba izda meta huma kienu staqsew lilha, hi kieneet qaltilhom li ma kienetx u li fil-fatt bdiet twegga' ghax kienet xotta u ma rieditx tkompli.

Qal li damu jinterrogaw lil imputat mill-ghaxra ta' filghodu sal-hamsa ta' wara nofsinhar u l-imputat dejjem izid ftit ftit, jieqfu perjodi, mhux kontinwament, izda dejjem izid bicca bicca. Ix-xhud qal li l-ghada filghodu ttiehdet stqarrija minnu u mill-allura Spettur Sharon Tanti tal-imputat Oreste Fenech wara li nghata s-solita twissija skond il-ligi,

u dan ghazel li jiffirma l-istqarrija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll tal-allura Spettur Sharon Tanti kull fejn tidher fuq dik l-istqarrija esibita bhala Dok. DZ 1. Ix-xhud ippresenta wkoll kopja tal-okkorrenza li dahlet nhar l-ewwel ta' Settembru 2005, dak inhar li sar ir-rapport li giet mmarkata bhala Dok. DZ 2.

Illi nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 xehdet s-**Supretendent Sharon Tanti** (fol. 102) fejn qalet li nhar l-ewwel ta' Settembru 2005 kienet giet infurmata mill-Ispettur Daniel Zammit tal-ghassa ta' Tas Sliema li kellhom tfajla ta' nazzjonalita Gappuniza fl-ghassa ta' Tas Sliema li kienet qed tallega li fid-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2005, ghall-habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl kienet giet stuprata fil-gnien fil-Gzira. Qalet li peress li kien hemm kaz li ssir inkjesta, infurmat lill-Magistrat ta l-ghassa u lill-Ispettur Daniel Zammit talbitu jmur d-Depot bit-tfajla biex ikunu jistghu jkomplu bl-invesitgazzjonijiet. Qalet li hi hadet d-dikjarazzjoni tat-tfajla Gappuniza li hija Tomomi Samaja ta' tnejn w ghoxrin sena fejn fil-qosor qalet li kienet rikbet tal-linja minn Paceville biex tmur lura ghand il-*host family* taghha xi l-hdax ta' bil-lejl tad-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 u li waqt li kienet fil-karozza tal-linja, kienet hassitha ma tiflahx minhabba li hija *aneamic* u li kellha timtedd fuq is-*seat* tal-karozza tal-linja. Qalet li din t-tfajla kienet qalet li kien hemm kunduttur fuq tal-linja li beda jiehu hsiebha u staqsieha jekk kienx kollox sew w ghenha tinzel minn tal-linja wkoll. It-tfajla qalet wkoll li waqt li dan il-kunduttur kien maghha fuq l-i*stage* tal-linja, beda ibusha. Qalet li kien hafna wara li t-tfajla ftakret li kien xarrbilha wiccha wkoll, ftakaret pero li beda jbusha b'mod b'sahhtu hafna u li ma kellhiex il-forza li timbuttah ghalkemm ippruvat tghidlu le. Ix-xhud kompliet tghid li din t-tfajla qaltilha li biddlu l-post xi darbtejn, jigifieri l-ewwel kienu fuq l-i*stage* w imbaghad marru wara l-i*stage* w iktar tard hadha fejn il-latrina fejn hemm *fence*. Ix-xhud qalet li din t-tfajla ddeskriviet dan il-hajt bhala hajt tal-*concrete* bil-*fencing* u bil-*wiring* l' fuq.

Qalet li t-tfajla kienet qaltilha li hemmhekk dan il-kunduttur ghamillha wiccha mal-hajt w ipprova jkollu x'jaqsam maghha u li bdiet tipprova taghmilielu difficli billi bdiet tipprova tersaq minn quddiemu biex ma jkunx jista

jippenetraha, pero li hu xorta ppenetraha *anally* u weġġhet hafna u fil-fatt l-*intercourse* kien qasir ghax hu imbghad kompla jimmasturba w ejakula fuq wiccha.

Ix-xhud qalet li l-investigazzjonijiet li ghamlu l-pulizija mill-ghassa ta' Tas Sliema, wasslu biex jiddentifikaw lil imputat Oreste Fenech, li gharfet presenti fl-awla bhala l-imputat, bhala l-persuna li aktarx kienet qed tirreferi ghaliha l-allegata vittma Tomomi Samaha. Qalet li waqt li kienet qed titkellem mat-tfajla Tomomi Samaha, l-Ispettur Daniel Zammit kien qed jitkellem ma Oreste Fenech biex jistabbilixxi jekk hux il-persuna li kien qed jigi nvestigat. Qalet li kif kellha l-istqarrija f'idejja tat-tfajla ta' nazzjonalita Gappuniza, marret hdejn l-Ispettur Daniel Zammit u komplew jitkellmu mieghu flimkien.

Ikkonfermat li ghall-bidu l-imputat kien cahad li kien hemm x'intimita bejnu u bejn din it-tfajla u bil-mod il-mod beda jzid bicca bicca dwar fil-fatt x'ghamel ma din it-tfajla.

Qalet li l-imputat l-ewwel qal li biesha biss, imbaghad qal li mmasturbatu biss, imbaghad qal li taghtu *oral sex* biss w imbaghad zied jghid li kien nezzalha l-qalziet w ipprova jippenetraha minn wara. Qalet li l-imputat pero qal li din ma damx jaghmilha peress li hu ma tantx beda jiffunzjona sesswalment maghha, ghax bdiet tokrob u raha li weġġhet u kien propju dan il-fatt li hu ma setghax ikompli jiffunzjona sesswalment maghha u li kellu jkompli jimmasturba b'idejh. Qalet li ppruvaw jiccaraw mieghu jekk kienx hemm il-kunsens taghha jew le ghax hi baqghet tghid li qatt ma tat il-kunsens taghha u qaltlu le kemm il-darba u wrietu li kienet qed twegga' u hu baqa jghid li hi kienet konsenswali mieghu.

Qalet li pero il-verzjoni li bdiet taghti t-tfajla kienet tidher aktar veritjiera w ghalhekk hadu d-decizjoni u ressqu lil imputat Oreste Fenech l-Qorti w akkuzawh bl-akkuzi kif dedotti fil-process. Ix-xhud ikkonfermat l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok. DZ 1 u kkonfermat il-firma taghha, dik tal-Ispettur Daniel Zammit kif wkoll t'Oreste Fenech fuq kull faccata taghha.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 xehed **Robert Cardona** (fol. 129) fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok.Z a fol 132 et seq tal-atti. Qal li hu kien gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta dwar sturpru ta' mara Gappuniza nhar l-ewwel ta' Settembru 2005. Qal li hu kien gie moghti xi esebiti mill-Ispettur Sharon Tanti konsistenti fi hwejjeg. Qal li hu analizzahom ghal presenza ta' demm u ghall-presenza ta' *acid phosphatate*. Spjega li mill-osservazzjonijiet li rrizultawlu dwar it-tip ta' demm, fil-fatt wasal ghal risultat posittiv ghall-presenza ta' *acid phosophatate* fuq flokk iswed minghajr kmiem, kien hemm risultat posittiv fuq in-naha ta' fuq ta' dan il-flokk u r-risultat ghat-tip ta' demm li kien hemm ma harigx peress li l-kampjun ma kienxtajjeb ghal dan l-analizi.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2007 xehed **Victor Spiteri** (fol. 186) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' President ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Qal li hu ilu jokkupa l-kariga ta' President ghal dawk l-ahhar ghaxar snin. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern, wiegeb li l-imputat huwa impjegat mat-Trasport Pubbliku u jahdem bhala *ticket inspector* ma l-Assocjazzjoni u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawk l-ahhar tmien snin. Qal li kien jaf li l-imputat ghandu kaz pendenti l-Qorti, pero l-imputat ma giex sospiz fl-andament ta' dawn il-proceduri. Qal li qatt ma kellhom rapport minn terz fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma xoghol u qatt m'ittiehdu xi passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu. Qal li fil-fatt kienu sorprizi li Oreste Fenech ghandu dan il-kaz odjern.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2007 **xehed Angelo Fenech** (fol. 188) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Route Manager tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u xoghlu hu li jiehu hsieb min ser jiehu hsieb ir-rotta tat-trasport pubbliku. Qal li hu jigi fuq l-imputat w ghalhekk x-xoghol tieghu huwa li jara li Oreste Fenech jiehu hsieb ir-rotta tieghu. Ix-xhud kompla jghid li hu wkoll jiehu hsieb li meta jkunu ghaddejin bir-rotta, gieli jaghmel *suprise inspections* u jitla fuq karozzi tal-linja biex jara li kollox ikun miexi sew. Qal li meta jkun hemm ilment mill-pubbliku, gieli dawn jaslu ghandu u gieli le. Qal li ilu fuq in-naha ta' Ta' Sliema dik l-

ahhar sena w erbgha xhur, pero ilu jahdem mal-Awtorita zmien twil. Qal li lil imputat kien jafu u li ma kellu xejn xi jgerger minnu waqt ix-xoghol. Qal li kemm ilu hemmhekk, qatt ma kellu rapport li huwa taha xi fastidju jew dejjaq lil xi hadd. Qal li kemm ilu hemm hu, lanqas fil-konfront ta' haddiema ohrajn ma kellu dawn it-tip ta' rapporti u naturalment ghalhekk qatt m'irrakomanda li jittiehdu xi passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.

In kontr'ezami, qal li hu m'ghandux hinijiet tax-xoghol. Qal lli hu jiccekkja il-*conductors* mill-hamsa w nofs ta' filghodu sal-hdax ta' bil-lejl x'hin irid hu.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2007 xehdet **Marica Bugeja** (fol. 190) fejn qalet li hi ghandha sebgha w ghoxrin sena u tghix mal-familja Fenech u li ilha tghix maghhom ghal dawk l-ahhar ħmistax il-sena, wara li kellha problemi d-dar. Qalet li fuq l-imputat ma kellha xejn xi tghid. Qalet li meta qalet li kienet qed tghix mal-familja Fenech qisha l-familja naturali taghha u qatt ma kellha problemi maghhom. Qalet li hi trabbiet mal-imputat u qatt ma sabet fastidju min naha tieghu. Qalet li hi tghix fiol-fond 9, Carmel Lane Sliema. Ziedet tghid li meta l-genituri tal-imputat kienu jghixu flimkien, hi kienet tghix maghhom flimkien, familja ta' hamsa, pero minkejja dan, hi dejjem ghexet ma l-imputat u l-omm, ghalkemm gieli l-imputat ghamel zmien qasir ma missieru.

Illi nhar s-sebgha ta' Jannar 2009 xehed **Joseph Plevin** (fol. 237) fejn qal li hu w il-familja tieghu jospitaw studenti barranin id-dar taghhom. Mistoqsi jekk jiftakarx xi Gappuniza li ospita fid-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2005, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx pero jaf li gieli jkollhom studenti Gappunizi d-dar. Mistoqsi jekk jiftakarx studenta bl-isem Tomomi Samaha ix-xhud wiegeb li bhala isem ma jiftakarx zgur. Qal li qatt ma jiftakar xi kaz fejn kellu xi student li mar d-dar f'kundizzjoni mhux tas-soltu u lanqas ma kien hemm xi kaz partikolari fejn il-pulizija kellmuh dwarha u lanqas ma ftakar xi kaz partikolari fejn xi student fetah qalbu mieghu u qallu xi problemi li kellu ma xi Maltin hawn Malta.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti ghalhekk nnotat li dan il-kaz jiddependi mid-deskrizzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament miz-zewg versjonijiet daqxejn opposti. Iz-zewg protagonisti, l-imputat u l-allegata vittma jaghtu versjonijiet opposti dwar il-fatti mportanti ghal dan il-kaz u ghalhekk wahda minn dawn ix-xhieda ghandha tigi skartata jew ahjar mhux emmnuta in tot, eskluz naturalment l-possibilita tad-dubbju ragjonevoli li jmur favur l-imputat.

Il-Qorti rat li l-imputat huwa principalment akkuzat taht zewg reati u cioe li kkommetta stupru vjolenti fuq persuna ta’ tnejn w ghoxrin sena taħt l-artikoli 198 u 201B tal-Kap 9 u dak imsemmi fl-artikolu 208 tal-Kap 9 u cioe ta' offiza ta' pudur jew il-morali b’ghemil li sar f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku.

Il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet ta’ kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegata vittma Tomomi Samaya li fi ftit kliem tghid li kienet abbuzata kontra r-rieda taghha u dik proposta mill-imputat li jghid li huwa kellu relazzjoni intima ma Tomomi Samaya ghaliex riedet li jkollha x’taqsam mieghu b’mod volontarju.

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti hija f’posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta’zmien u ghalhekk hija f’posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f’data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru ukoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti pero thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk l-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lil imputat.

L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan r-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe l-element materjali u l-element intenzjonali, jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jesiztu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputat allegatament kkommetta r-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat.

Xi jfisser jew x'hinu stupru ?

Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa *rape* u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-hymen u emissjoni ta' semen mhux elementi kostituttivi ta' dan r-reat.

It-tieni element essenzjali f'dan r-reat huwa dak intenzjonali u dan irid jissusisti ndipendentement jekk offrietx resiztenza jew le. Jigifieri li mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhix il-volonta, imma irid ikun hemm r-rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din r-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac–cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn l-vittma mhiex persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' resistenza setghet toffri l-vittma wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.

Skond l-**Professur Mamo fin-Noti** tieghu ***The Criminal Law,*** jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan r-reat.

**Maino**, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179*** jghid:

*"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento*

*della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

Illi din il-Qorti hasset il-htiega li zzomm access fil-presenza tal-imputat sabiex jigi muri minn fejn ghadda waqt li kien fil-kumpanija tal-allegata vitma. Giet murija fejn allegatament waqfet ix-xarabank li kienu rikbin kemm il-vitma kif ukoll l-imputat. Giet murija il-bank fejn poggew kif dekritt mill-istess vitma fix-xhieda taghha u cioe fuq il-bank li hemm faccata tal-bahar fuq il-parti ta' wara tal-gabbana li hemm The Strand il-Gzira faccata il-hanut C&H Bartoli. Sussegwentement il-Qorti imxiet mal-imputat u l-ufficcjal prosekutur fuq il-bridge ta' Manel Island daru man naha tax-xellug fejn hem mil-latrina fejn poggew bil-qieghda jew ahjar kif stqarr l-imputat stess striehu fuq bicca gebel fejn hemm il-fence imwahhal maghha. Imbaghad maru fejn il-bahar fejn l-vitma qalet li l-imputat hasel saqajh mit-tajn fejn kien hemm *crash barrier* fejn allegatament pogga r-*radio* tieghu meta kien maghha. Wara dan kollu l-Qorti akkompanjat ukoll l-imputat u l-ufficcjal prosekutur sa fejn kienet tghix il-*host family* gewwa Gzira Road.

M'hemmx dubbju li dan kollu dam zmien konsiderevoli. L-incident sehh fis-sajf fix-xahar t'Awwissu ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (hin meta kien hemm l-ahhar vjagg tal-linja) u zgur li fit-triq kien hemm diversi nies ghaddejja.

Il-Qorti ssibha difficli temmen kif l-allegata vittma marret mal-imputat w ghamlet dak li ghamlet mieghu kif deskritt minnha u sa certu punt konfermat mill-imputat stess, kontra r-rieda taghha.

Il-Qorti rat l-istatura tal-allegata vittma li kienet wahda fragili u hafifa hafna. Rat ukoll li issibha difficli hafna temmen li kienet daqshekk ma tiflahx u timxi dak il-mixi kollu li ghamlet u ma titlobx ghajnuna jekk ma kienitx kuntenta jew ahjar komda. Illi fl-ebda stadju ma tghid l-vittma li hija ttentat tahrab mill-aggressur taghha. Anzi tghid li kien l-aggressur taghha stess li akkompanjha lura d-dar. Meta waslet id-dar ma jirrizultax li hija tkellmet mal-*host family* taghha jew indikatilhom li kien sehh xi haga

kontra r-rieda taghha anzi pjuttost l-oppost, ghaliex damet jumejn ma tirrapporta il-kaz. Gara pero li hija fethet qalbha ma sihbietha u qaltilha l-istorja li xehdet dwarha l-Qorti u din gieghelitha taghmel rapport ufficcjali lill-iskola. Interessanti pero li meta giet mistoqsija jekk kienitx inxurjata kontra incidenti simili, hija wiegbet fl-affermattiv u qalet ukoll li kienet ser tghamel rapport ufficcjali.

Il-Qorti ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi hija propensa temmen il-versjoni tal-fatti kif esposti mill-imputat u cioe li verament kellu x'jasam maghha pero mhux kontra r-rieda taghha u peress li l-allegata vittma mhiex minorenni, dan ir-reat ta' stupru ma jissustix.

L-imputat fit-tieni lok hu akkuzat wkoll bir-reat kif imsemmi fl-artikolu 208 tal-Kap 9 u cioe offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, pero il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-tmienja ta' Jannar, 1996 mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fejn gie deciz li:-

"*Section 207 clearly states that a person is guilty of violent indecent assault, if that fact ,  that is the act of violent indecent assault does not in itself constitute any of the other crimes either contemplated or attempted referred to in the section sub title II preceeding the said section 207.*"

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Novembru, 1949*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ferdinand Grima,** il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-ezistenza ta' dan r-reat u cioe:

a. li l-imputat ghamel atti li joffendu l-pudur jew il-morali u mhux li l-ghemil in kwistjoni ikun fih innifsu ghemil zieni;

b. f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

L-element intenzjonali ta' dan r-reat jkun sodisfatt jekk l-att offensiv tad-decenza jkun voluntarju minghajr ma hu mehtieg d-dolo specifiku. X'jikkostitwixxi atti li joffendu l-

pudur jew il-morali jrid jigi stabbilit minn kaz ghal kaz ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar, 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Caruana**, l-ligi taghna fl-artikolu 208 evitat l-ispecifikazzjoni tal-attijiet ta' libidini jew impudici jew oxxeni u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li joffendi l-pudur jew il-morali.

Ghalhekk hu bizzejjed li l-atti jkun tali li joffendi s-sens tad-decenza fil-grad tali li wiehed jista jghid li jnissel jew jista jnissel.

Kif fil-fatt jghid l-**Antolisei** fil-ktieb tieghu fuq imsemmi (Vol 1 pagna 456):-

*"Un senso di disagio, disgusto o repulsione."*

Skond l-**Imhallef Harding** kif ritenut minnu fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Gunju, 1959*** fil-kawza fl-ismijiet **The Police v William St. John**, jekk att jitqiesx bhala tali li joffendi l-unur pubbliku, l-gudikant ghandu jara jekk l-atti kienux l-effett ta' zbandatezza jew ta' non kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward jew jekk ghal kuntrarju jkunux atti li intrinsikament joffendu d-decenza u li jkunu gew maghmula deliberatament sabiex minn jghamilha, jaghti zfog ghal volji laxxivi tieghu jew ta' haddiehor.

Bl-espressjoni "lok espost ghal pubbliku" fl-artikolu 208, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Xuereb**, fejn dik il-Qorti ddecidiet li:-

*"Hu evidenti li l-legislatur ma riedx jillimita ruhu semplicement ghal postijiet pubblici jew ghal postijiet li jkunu privati izda 'accessibbli ghal pubbliku' izda ried jinkludi postijiet privati li go fihom terzi persuni jkunu jistghu, noralment jittawwlu u jaraw x'ikun qed jigri, sia jekk dan t-terzi jkun fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi."*

Jinghand 'normalment' fis-sens li dak li jkun qed jigri f'dan il-lok privat ikun vizibbli ghal terza persuna minghajr ma din jkollha bzonn tuza xi apparat straordinarju bhal titla ma xi hbula, slielem jew kaxxi.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti ghamlet apprezzament tal-ligi w indikat dak li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova rigward kull akkuza thoss bla dubbju ta' xejn li dak li ghamel l-imputat u cioe li immasturba f'post pubbliku, li ejakola f'post pubbliku li ghamel sess orali u minn wara fil-berah zgur li jammonta ghall atti *di libidine* u li joffendu l-pudur u morali tal-pubbliku w ghalhekk qed issibu hati ta' dan ir-reat.
**Ghalhekk l-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 198, 201B, 208, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputat ORESTE FENECH hati tal-akkuza ta' stupru u tilliberah minnha pero qed issibu hati tal-akkuza talli offenda l-pudur u morali f'post pubbliku.**

**Dwar il-piena, l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita a fol. 5 et seq minfejn jirrizulta li hija wahda indellibli, minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni w ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*.**

**Semghet ix-xhieda prodotta mid-difiza jghidu li l-imputat huwa esemplari fuq xoghlu u li qatt ma kkreja xi problema ghas-superjuri tieghu tant li fil-fatt staghgbu kif effettivament l-imputat spicca l-Qorti w ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma thossx li piena ta' prigunerija hija piena idoneja w ghalhekk wara li tiddikjara li qed issibu hati talli offenda l-morali pubblika, qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-illum.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Prokuratur**

**Legali Giuliana Scerri Ferrante [fol. 40], Doctor Isabelle Saliba [fol. 71] u Robert Cardona [fol. 138] fl-ammont komplessiv ta' hames mija u hmistax l-euro [€515] u dan fi zmien sitt (6) xhur u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**
**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------